**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 14 ta' Diċembru 2021**

Rikors Numru: 71/21 AL

L-Avukat Dottor Tanya Sciberras Camilleri bħala mandatarja speċjali tal-imsiefra AB

vs

CB

(MR Nurmu 861/1996)

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tiegħu ppremettiet:

1. Illi l-partijiet ingħaqdu fiż-żwieġ fil-ħamsa w għoxrin ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (25/10/2013) ġewwa Marsaxlokk, kopja taċ-ċertifikat taż-żwieġ qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok. A;

2. Illi mit-tali żwieġ ma twieldux ulied;

3. Illi l-partijiet ottjenew is-separazzjoni personali in forza ta' kuntratt tas-separazzjoni datat erbgħa u għoxrin ta' Marzu tas-sena elfejn u sbatax (24/03/2021) fl-Atti tan-Nutar Dottor Ritienne Bugeja Fenech, kopja ta' liem qegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok. B;

4. Illi m'hemm l-ebda prospett raġjonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet stante illi ilhom mis-sebgħa u għoxrin ta' Jannar elfejn u sbatax (27/01/2017) jgħixu separatament, u huma għandhom ħajja totalment separata u indipendenti minn xulxin;

5. Illi ma hemm ebda pendenza dwar ħlas ta' manteniment minn xi parti fil-konfront tal-parti l-oħra;

6. Illi dawn il-fatti jinkwadraw ruħhom u jissodisfaw il-kundizzjonijiet u kriterji kontemplati fl-Artikolu 66B tal-Liġijiet ta' Malta sabiex il-partijiet jiksbu d-divorzju.

Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja d-divorzju, ossia l-ħall taż-żwieġ bejniethom;

2. Tordna lir-Reġistru tal-Qorti sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi stabbilit minn din il-Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet, biex isiru d-debita reġistrazzjoni u annotamenti fl-atti ċivili relattivi fir-Reġistru Pubbliku u dan ai termini tal-Artikolu 66A (4) tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-5 ta' Marzu, 2021;

Rat illi l-intimat debitament notifikata ma deherx u ma pprezentax risposta f'dawn il-proceduri;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprovat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-24 ta' Marzu, 2017;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprovat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.